MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 687/2002

**Joseph Debono ghan-nom u in rappresentanza ta' Matilde Maria Debono**

**vs**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-att tat-twelid ta' Matilde-Maria Debono gie rregistrat firRegistru Pubbliku bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni erbat elef erba' mija u wiehed u ghoxrin (4421) tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (1979) hawn anness u mmarkat bhala Dokument 'A';

Illi fl-istess att tat-twelid jezistu zbalji fis-sens illi kunjom l-attur, missier ta' Matilde-Maria Debono huwa indikat bhala De Bono mentri fil-fatt huwa ghandu jkun indikat bhala Debono, kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid ta' missier l-attur hawn anness u mmarkat bhala Dokument ‘B';

Illi fl-istess att tat-twelid jezisti zball fis-sens illi kunjom in-nannu patern ta' Matilde-Maria Debono huwa indikat bhala De Bono mentri fil-fatt huwa ghandu jkun indikat bhala Debono, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg ta' missier l-attur hawn anness u mmarkat bhala Dokument ‘C';

Illi l-karta ta' l-identita ta' Matilde-Maria Debono, li kopja taghha hi hawn annessa w immarkata bhala Dokument ‘D' l-kunjom Debono huwa miktub kif suppost;

Illi l-istess attur talab li ghalhekk il-konvenut jghid ghaliex previa kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi fl-att tat-twelid ta' Matilde-Maria Debono f’dik il-parti tac-certifikat li taghti taghrif dwar il-missier attur fil-kolonna intestata ‘Isem u Kunjom', kunjom tal-missier attur irid jigi Debono;

2. Tiddikjara illi fl-att tat-twelid ta' Matilde-Maria Debono f’dik il-parti tac-certifikat li taghti taghrif dwar in-nannu patern ta' Matilde-Maria Debono fil-kolonna intestata ‘Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' irid jigi Debono;

3. Tordna lill-konvenut sabiex fic-certifikat tat-twelid fuq specifikat, issir id-debita korrezzjoni, kif jinghad fl-ewwel u fit-tieni talba maghmula, u oltre dan, jekk ikun il-kaz, issir kull korrezzjoni ohra fejn din tirrizulta mehtiega.

BI-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 7 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol 8 u d-dokumenti esebiti a fol 9 sa 12 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet a fol 21 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid numru 4421 tas-sena 1979 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista ta’ xhieda a fol 23 tal-process;

Rat il-verbal tat-30 ta’ Jannar 2003 fejn l-attur prezenti kkonferma d-dikjarazzjoni attrici u prezenta affidavit u xi certifikati.  Dr Hubert Theuma ghad-Direttur Registru Pubbliku ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni u rrimetta ruhu ghall-provi.  Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Frar 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta’ bint l-attur Matilde-Maria Debono li jgib in-numru 4421/1979 *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt il-kunjom korrett hu “Debono” u mhux “De Bono” kif indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikat tat-twelid ta’ missier l-attur immarkat bhala Dok ‘B’ a fol 10 tal-process, u mic-

certifikat taz-zwieg tal-istess attur a fol 11 tal-process. Ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:

1. Tiddikjara illi fl-att tat-twelid ta' Matilde-Maria Debono f’dik il-parti tac-certifikat li taghti taghrif dwar il-missier attur fil-kolonna intestata ‘Isem u Kunjom', kunjom tal-missier attur irid jigi Debono;

2. Tiddikjara illi fl-att tat-twelid ta' Matilde-Maria Debono f’dik il-parti tac-certifikat li taghti taghrif dwar in-nannu patern ta' Matilde-Maria Debono fil-kolonna intestata ‘Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' irid jigi Debono;

3. Tordna lill-konvenut sabiex fic-certifikat tat-twelid fuq specifikat, issir id-debita korrezzjoni, kif jinghad fl-ewwel u fit-tieni talba maghmula, u oltre dan, jekk ikun il-kaz, issir kull korrezzjoni ohra fejn din tirrizulta mehtiega.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------